Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9290 — SoftBank Group/Altamira)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 117/06)

1. Fil-21 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— doBank, S.p.A. ("doBank", l-Italja), ikkontrollat unikament mis-SoftBank Group Corp. ("SoftBank Group", il-Ġappun); kif ukoll

— Altamira Asset Management S.A. ("Altamira", Spanja), ikkontrollata unikament mill-fondi ġestiti minn Apollo Management, L.P. ("Apollo", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Is-SoftBank Group jakkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdieni ta' Altamira.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— SoftBank Group: portafoll dinji ta' sussidjarji u affiljati involuti fis-setturi tat-telekomunikazzjonijiet avvanzati, tas-servizzi tal-Internet, tal-Internet of Things, tar-robotika u tat-teknoloġija tal-enerġija nadifa kif ukoll, permezz ta' doBank, ġestjoni tal-fażijiet kollha taċ-ċiklu ta' kull tip ta' self permezz ta' servizzi modulari u personalizzati speċifiċi, li jinkludu l-ġestjoni esternalizzata ta' self produttiv u self improduttiv.

— Altamira: il-ġestjoni ta' assi improduttivi, li jinkludu self improduttiv tat-tipi kollha (pereż. garantit, mhux garantit, korporati, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, individwi, finanzjament lill-konsumaturi, kiri) kif ukoll ġestjoni ta' diversi kategoriji ta' assi ta' proprjetà immobbli (pereż. residenzjali, terzjarji, ta' żvilupp, artijiet, kummerċjali), għal istituzzjonijiet finanzjarji, investituri istituzzjonali u proprjetarji "bad bank" ta' assi improduttivi jew assi tal-proprjetà immobbli.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9290 — SoftBank Group/Altamira

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.